KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fit-18 ta' Diċembru 2014[1]

Kawża C-65/14

Charlotte Rosselle
vs
Institut national d'assurance maladie-invalidité (INAMI) uUnion nationale des mutualités libres

[talba għal deċiżjoni preliminari mit-Tribunal du travail de Nivelles (il-Belġju)]

"Politika soċjali — Direttiva 92/85/KEE — Sigurtà u saħħa għall-ħaddiema tqal, li welldu reċentement jew li qed ireddgħu — Allowance tal-maternità matul il-leave tal-maternità — Perijodu minimu ta' kontribuzzjoni ta' 120 jum ta' xogħol matul perijodu ta' 6 xhur — Interruzzjoni — Uffiċjal pubbliku permanenti li jieħu leave għal raġunijiet personali sabiex jibda jaħdem bħala ħaddiem impjegat — Direttiva 2006/54/KE — Ugwaljanza fit-trattament bejn irġiel u nisa fix-xogħol"

1. Skont id-dritt Belġjan, ħaddiema tkun intitolata biss għal allowance tal-maternità jekk, matul is-sitt xhur qabel il-leave tal-maternità tagħha, hija tkun ħadmet mill-inqas 120 jum ta' xogħol. C. Rosselle, li kienet taħdem fil-Vlaanderen, applikat għal dik l-allowance. Għalkemm kienet ilha taħdem għal diversi snin, l-applikazzjoni tagħha kienet irrifjutata minħabba li l-istatus tax-xogħol tagħha kien inbidel u hija ma kinitx laħqet il-perijodu minimu ta' kontribuzzjoni meħtieġ minn meta kienet bdiet fl-impjieg il-ġdid tagħha. It-Tribunal du travail de Nivelles (Qorti tax-Xogħol, Nivelles, iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju") (il-Belġju) issa qed jitlob għal gwida mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar kif għandu jkun interpretat it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva dwar il-Maternità[2], li jgħid li l-Istati Membri ma jistgħu taħt l-ebda ċirkustanza jeżiġu, għal dak il-fini, perijodi ta' impjieg preċedenti iktar minn 12-il xahar immedjatament qabel id-data preżunta tal-ħlas (twelid). Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk ir-rifjut li C. Rosselle tingħata allowance tal-maternità jimplikax diskriminazzjoni minħabba s-sess u, għalhekk, jikser id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament[3]. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, għalhekk, jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja opportunità li tiċċara ulterjorment kif il-protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema tqila (jew lill-ħaddiema li tkun welldet reċentement jew li tkun qed tredda') għandha rabta mal-protezzjoni li ħaddiema nisa jgawdu kontra d-diskriminazzjoni minħabba s-sess fi kwistjonijiet ta' impjieg u ta' xogħol.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 110) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-Maternità"), kif emendata (fiż-żmien tal-kawża prinċipali) mid-Direttiva 2007/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 165, p. 21).

3 — Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 204, p. 23) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament").

Leġiżlazzjoni

Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

2. Id-Direttiva dwar il-Maternità hija mfassla biex tinkoraġġixxi titjib fis-sigurtà u fis-saħħa fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema tqal, ħaddiema li welldu reċentement jew li qed ireddgħu [Artikolu 1(1)].

3. Id-disa' premessa ta' din id-direttiva tgħid li l-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa ta' dawn il-ħaddiema tqal ma għandhiex tirriżulta fi trattament sfavorevoli għan-nisa fis-suq tax-xogħol u lanqas għandha tnaqqas mis-saħħa tad-direttivi rigward l-ugwaljanza fit-trattament bejn irġiel u nisa.

4. L-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar il-Maternità jiddefinixi "ħaddiema tqila" bħala "ħaddiema tqila li tinforma lil min iħaddimha bil-kundizzjoni tagħha, skond il-liġi u/jew prattika nazzjonali"; u ulterjorment jiddefinixxi "ħaddiema li welldet reċentement" u "ħaddiema li qiegħda tredda'" bħala ħaddiema li titqies bħala tali fis-sens tal-leġiżlazzjoni u/jew prattika nazzjonali u li tinforma lil min iħaddimha dwar il-kundizzjoni tagħha, skont dik il-liġi u/jew prattika [4].

5. L-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar il-Maternità, intitolat "Leave tal-Maternità", jgħid:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw li l-ħaddiema fis-sens ta' l-Artikolu 2 [ikunu] intitolati għal żmien kontinwu ta' leave tal-maternità ta' mill-inqas 14-il ġimgħa, allokati qabel u/jew wara l-ħlas skond il-liġi u/jew prattika nazzjonali.

2. Il-leave tal-maternità stipulat fil-paragrafu 1 għandu jinkludi leave tal-maternità obbligatorju ta' mill-inqas ġimagħtejn qabel u/jew wara l-ħlas skond il-leġiżlazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali."

6. L-Artikolu 11 huwa dwar id-drittijiet tal-impjieg ta' ħaddiema protetti.

7. Skont Artikolu 11(2), għandhom ikunu żgurati kemm id-drittijiet konnessi mal-kuntratt ta' xogħol tal-ħaddiema protetti dwar leave tal-maternità, kif ukoll li jibqa' jkun hemm ħlas ta' u/jew jedd għal allowance adegwata għal dawk il-ħaddiema. L-Artikolu 11(3) jgħid li allowance bħal din għandha titqies adegwata "jekk tiggarantixi dħul mill-inqas ekwivalenti għal dak li l-ħaddiema kkonċernata kienet tirċievi kieku waqfet temporanjament mill-attivitajiet tagħha għal raġunijiet ta' saħħa, soġġetta għal kull limitu stabbilit taħt il-leġislazzjoni nazzjonali" [5]. Skont l-Artikolu 11(4), l-Istati Membri jistgħu jissuġġettaw id-dritt għall-ħlas jew għal dik l-allowance "għall-kundizzjoni li l-ħaddiema kkonċernata tissoddisfa l-kondizzjonijiet ta' eliġibilità għal dawn il-benefiċċji skond il-leġislazzjoni nazzjonali"; iżda kundizzjonijiet bħal dawn "ma jistgħu taħt l-ebda ċirkostanza jipprovdu għal perijodi ta' impjieg preċedenti iktar minn 12-il xahar immedjatament qabel id-data preżunta tal-ħlas".

8. L-għan tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament, li hija bbażata fuq l-Artikolu 141(3) tat-Trattat KE (illum l-Artikolu 157(3) TFUE), huwa li tkun żgurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' ugwaljanza fit-trattament bejn irġiel u nisa fi kwistjonijiet ta' impjieg u ta' xogħol, inkluż il-prinċipju ta' paga ndaqs għal xogħol ugwali (il-premessa 4 u l-Artikolu 1).

9. Il-premessa 23 ta' dik id-direttiva tagħmel riferiment għall-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li trattament mhux favorevoli ta' mara relatat mat-tqala jew mal-maternità jikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta minħabba s-sess u tagħmilha ċara li d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament tkopri dan it-trattament.

4 — F'dawn il-konklużjonijiet nirreferi għal dawk it-tliet kategoriji ta' ħaddiema flimkien bħala l-"ħaddiema protetti".

5 — Skont it-tmintax-il premessa tad-Direttiva dwar il-Maternità, il-kunċett ta' allowance adegwata fil-każ tal-leave tal-maternità "għandu jitqies bħala punt tekniku ta' referenza biex jiġi ffissat il-livell minimu ta' protezzjoni u m'għandu qatt jiġi interpretat li t-tqala u l-mard huma analogi".

10. Għall-finijiet tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament, "diskriminazzjoni diretta" isseħħ "fejn persuna waħda tiġi trattata minħabba s-sess b'mod inqas favorevoli minn kif tiġi ttrattata, ġiet trattata jew kieku tiġi trattata persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli" [Artikolu 2(1)(a)], u "diskriminazzjoni indiretta" isseħħ "fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika li mad-dehra jkunu newtrali jkunu jpoġġu lil persuni ta' sess partikolari fi żvantaġġ partikolari meta mqabbla ma' persuni tas-sess l-ieħor, ħlief jekk dik id-dispożizzjoni, kriterju jew prattika tkun oġġettivament ġustifikata b'għan leġittimu, u l-mezzi biex jintlaħaq dak l-għan [ikunu] xierqa u meħtieġa" [Artikolu 2(1)(b)].

11. Skont l-Artikolu 2(2)(ċ), diskriminazzjoni tinkludi "kwalunkwe trattament anqas favorevoli ta' mara li jkollu x'jaqsam ma' tqala jew leave tal-maternità fis-sens [ta]d-Direttiva [dwar il-Maternità]".

12. L-Artikolu 5, li jinsab fit-tieni kapitolu tat-Titolu II tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament ("Trattament ugwali fi skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali"), jipprovdi kif ġej:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba s-sess fi skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) il-kamp ta' applikazzjoni ta' tali skemi u l-kondizzjonijiet ta' l-aċċess għalihom;

(b) l-obbligu tal-kontribuzzjoni u l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet;

(c) il-kalkolu tal-benefiċċji, inklużi l-benefiċċji supplementari dovuti minħabba l-konjuġi jew in-nies dipendenti, u l-kondizzjonijiet li jirregolaw it-tul u ż-żamma tad-dritt għall-benefiċċji."

13. L-Artikolu 14(1), li jinsab fit-tielet kapitolu tat-Titolu II tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament ("Trattament ugwali fir-rigward ta' l-aċċess għall-impjiegi, tat-taħriġ vokazzjonali u tal-promozzjoni u tal-kondizzjonijiet tax-xogħol") jipprovdi, b'mod partikolari:

"M'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta minħabba s-sess fis-settur pubbliku jew f'dak privat, inklużi l-korpi pubbliċi, b'relazzjoni għal:

(a) kondizzjonijiet għal aċċess għall-impjiegi, għal min jaħdem għal rasu jew għall-impjieg, inkluż il-kriterji ta' selezzjoni u l-kondizzjonijiet ta' reklutaġġ, tkun li tkun il-fergħa ta' attività u fil-livelli kollha tal-ġerarkija professjonali, inkluż promozzjoni;

[…]"

14. Jingħad espressament li d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament (ara l-Artikolu 28) għandha tkun bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tan-nisa, partikolarment fir-rigward tat-tqala u tal-maternità, u għad-dispożizzjonijiet, *inter alia*, tad-Direttiva dwar il-Maternità [6].

Id-dritt Belġjan

15. Skont l-Artikolu 128 tal-Liġi tal-14 ta' Lulju 1994, dwar l-assigurazzjoni obbligatorja għall-kura tas-saħħa u l-allowances (iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-1994"), moqrija flimkien mal-Artikolu 203 tad-Digriet Irjali tat-3 ta' Lulju 1996, li jimplementa l-Liġi tal-1994 (iktar 'il quddiem id-"Digriet Irjali"), il-ħlas ta' allowance tal-maternità fil-Belġju huwa suġġett għal żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel,

6 — Ara wkoll il-premessa 24.

il-ħaddiema kellha tkun ħadmet, matul is-sitt xhur qabel id-data li fiha hija ssir intitolata għall-allowances [7], għal mill-inqas 120 jum ta' xogħol. It-tieni, hija għandha ġġib prova li l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fir-rigward tal-allowances ikunu fil-fatt tħallsu matul dak il-perijodu.

16. Id-Digriet Irjali jipprovdi li persuni li, fil-perijodu ta' 30 jum wara d-data li fiha tkun daħlet fis-seħħ ir-riżenja uffiċjali tagħhom minn uffiċjal pubbliku, jiksbu l-istatus ta' persuna intitolata għal allowance tal-maternità, ikunu eżenti mill-perijodu minimu ta' kontribuzzjoni jekk kienu impjegati għal perijodu kontinwu ta' mill-inqas sitt xhur bħala uffiċjal pubbliku [8]. Bl-istess mod, il-Liġi tal-20 ta' Lulju 1991 dwar dispożizzjonijiet soċjali u oħrajn, teżenta lill-uffiċjali pubbliċi li jkunu tkeċċew mill-perijodu minimu ta' kontribuzzjoni.

Il-fatti, il-proċedura u d-domanda preliminari

17. C. Rosselle bdiet taħdem bħala għalliema fil-Komunità Fjamminga f'Settembru 2003. Kienet inħatret uffiċjal pubbliku permanenti mill-Komunità Fjamminga f'Settembru 2008.

18. Fl-1 ta' Settembru 2009, C. Rosselle kisbet status mhux attiv għal raġunijiet personali bħala uffiċjal pubbliku [9] sabiex tgħallem klassijiet ta' immersjoni bil-lingwi fil-Komunità Franċiża [10], fejn ħadmet bħala ħaddiema impjegata. Dak iż-żmien hija kienet diġà tqila.

19. Il-leave tal-maternità ta' C. Rosselle beda fil-11 ta' Jannar 2010 [11] u hija welldet fit-2 Frar 2010. C. Rosselle applikat lill-Union nationale des mutualités libres (iktar 'il quddiem l-"UNM"), li hija l-fond mutwu ta' assigurazzjoni għall-mard li miegħu hija msieħba, għal allowance tal-maternità matul il-leave tal-maternità tagħha.

20. Fit-23 ta' Frar 2010, l-UNM irrifjutat dik it-talba għar-raġuni li C. Rosselle kienet bdiet taħdem bħala ħaddiema impjegata (milli bħala uffiċjal pubbliku permanenti) fl-1 ta' Settembru 2009. Dak iż-żmien meta beda l-leave tal-maternità tagħha, hija, għalhekk, ma kinitx laħqet il-perijodu minimu ta' kontribuzzjoni meħtieġ skont id-dritt nazzjonali. Id-deċiżjoni qalet ukoll, fil-qofol, li d-dritt Belġjan kien eżenta biss minn dak ir-rekwiżit uffiċjali pubbliċi mkeċċija (iżda mhux uffiċjali pubbliċi ta' status mhux attiv).

21. C. Rosselle appellat kontra dik id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, li ressqet talba għal deċiżjoni preliminari dwar id-domanda li ġejja:

"Id-Digriet Irjali tat-3 ta' Lulju 1996 li jimplementa l-liġi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja għall-kura tas-saħħa u l-allowances, maħruġ fl-14 ta' Lulju 1994, fis-Sezzjonijiet 1 u 2 tal-Kapitolu III tat-Titolu III tiegħu, jikser id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu u d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar

7 — Jiġifieri, bħala prinċipju, meta jibda l-leave tagħha tal-maternità.

8 — Jekk kienu impjegati għal perijodu ta' inqas minn sitt xhur f'dik il-kapaċità, dak il-perijodu jitqies għall-kalkolu tal-perijodu minimu ta' kontribuzzjoni.

9 — Status bħal dak jgħin lil uffiċjal pubbliku meta ssir talba, sabiex jieqaf jaħdem bħala uffiċjal pubbliku temporanjament għal raġunijiet personali. Uffiċjal pubbliku bi status mhux attiv ikollu d-dritt li jerġa' lura għall-pożizzjoni tiegħu ta' uffiċjal pubbliku.

10 — *Classes d'immersion* jgħinu lil studenti fil-Komunità Franċiża — li l-lingwa tal-pajjiż li jkunu twieldu fih tkun bħala prinċipju l-Franċiż — biex isegwu tagħlim b'lingwa oħra (tipikament l-Olandiż).

11 — Hemm qbil komuni li C. Rosselle ma komplietx tirċievi paga mill-Komunità Franċiża matul il-leave tagħha tal-maternità.

l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid), billi ma jipprovdix dispensa mill-perijodu ta' prova għall-uffiċjal assenjata fi status mhux attiv għal raġunijiet personali li qiegħda fuq leave tal-maternità, filwaqt li dan huwa l-każ fir-rigward tal-uffiċjal li jirriżenja u tal-uffiċjal li jitkeċċa?"

22. Osservazzjonijiet bil-miktub intbagħtu minn C. Rosselle, l-UNM, il-Gvern Belġjan u l-Kummissjoni Ewropea. Ma ntalbet li ssir ebda seduta u ma saret ebda waħda.

Analiżi

Osservazzjonijiet preliminari

23. Huwa ċar mid-deċiżjoni tar-rinviju li hemm *lacuna* legali fil-Belġju għall-uffiċjali pubbliċi li jwelldu ftit wara li jkunu kisbu status mhux attiv għal raġunijiet personali. B'kuntrast ma' uffiċjali pubbliċi li jirriżenjaw jew jitkeċċew, uffiċjali pubbliċi li jibdew jaħdmu bħala ħaddiema impjegati wara li jkunu kisbu status mhux attiv għal raġunijiet personali jkunu intitolati għal allowance tal-maternità biss wara li jkunu laħqu perijodu minimu ġdid ta' kontribuzzjoni.

24. Il-kwistjoni ewlenija ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari hija essenzjalment jekk bidla bħal din fl-istatus tax-xogħol tistax tikkostitwixxi bażi valida, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva dwar il-Maternità, sabiex ħaddiema li tkun qed tipprova tikseb allowance tal-maternità jkun jeħtiġilha tilħaq perijodu minimu ġdid ta' kontribuzzjoni, anki meta tkun diġà ħadmet mingħajr interruzzjoni għal diversi snin. Għalhekk, il-kwistjoni hawn hija, mhux tant il-perijodu minimu ta' kontribuzzjoni skont id-dritt Belġjan (120 jum ta' xogħol matul perijodu ta' sitt xhur), li huwa ħafna iktar inqas mill-perijodu massimu stabbilit fid-Direttiva dwar il-Maternità, iżda pjuttost il-mod li bih jiġi applikat dak il-perijodu minimu ta' kontribuzzjoni.

25. Ir-risposta għal dik id-domanda hija rilevanti mhux biss f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali. B'differenza minn C. Rosselle, il-ħaddiema kkonċernata tista' tkun għadha ma laħqitx il-perijodu minimu ta' kontribuzzjoni fiż-żmien li tkun kisbet status mhux attiv għal raġunijiet personali u tkun bdiet taħdem bħala ħaddiema impjegata. F'dak il-kuntest ukoll ikun essenzjali jiġi aċċertat jekk, sabiex ikun hemm konformità mal-limitu stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva dwar il-Maternità, għandux jitqies il-perijodu tal-impjieg qabel dik il-bidla.

26. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk ikunx hemm diskriminazzjoni dwar il-jedd għal allowance tal-maternità bejn uffiċjali pubbliċi li, bħal C. Rosselle, iwelldu wara li jiksbu status mhux attiv għal raġunijiet personali u jibdew jaħdmu bħala ħaddiema impjegati, u uffiċjali pubbliċi li jwelldu wara tkeċċija jew riżenja. Is-sottomissjonijiet bil-miktub isemmu wkoll il-kwistjoni jekk persuna fis-sitwazzjoni ta' C. Rosselle għandhiex tkun ittrattata bl-istess mod bħal uffiċjal pubbliku li twelled waqt li żżomm l-istatus tagħha bħala uffiċjal pubbliku "attiv". Kif naraha jiena, iżda, dak li l-qorti tar-rinviju attwalment qed tfittex li taċċerta huwa jekk ir-rifjut lil C. Rosselle ta' allowance tal-maternità jimplikax diskriminazzjoni abbażi tas-sess u, għalhekk, huwa pprojbit skont id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament.

27. Fl-aħħar nett, għalkemm dik id-domanda ma saritx speċifikament fid-deċiżjoni tar-rinviju, irrid nagħmilha ċara mill-bidu nett li r-regoli li hemm fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva dwar il-Maternità u fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament għandhom, fl-opinjoni tiegħi, effett vertikali dirett.

28. Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-każijiet kollha fejn dispożizzjonijiet ta' direttiva jidhru li jkunu, mill-perspettiva tal-kontenut tagħhom, mingħajr kundizzjonijiet u preċiżi biżżejjed, individwi jistgħu jinvokawhom quddiem il-qorti nazzjonali kontra l-Istat Membru [12]. L-Artikolu 11(4) tad-Direttiva dwar il-Maternità huwa inekwivoku meta jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jagħmlu l-jedd għal allowance tal-maternità suġġett għal perijodi ta' impjieg preċedenti ta' iktar minn 12-il xahar immedjatament qabel id-data preżunta tal-ħlas. Filwaqt li huwa minnu li l-Istati Membri jżommu l-kompetenza li jiddefinixxu perijodi minimi ta' kontribuzzjoni sabiex tinkiseb allowance tal-maternità, dik il-kompetenza ma tista' bl-ebda mod iddgħajjef dik il-projbizzjoni [13]. Bl-istess mod, l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament jipprojbixxi b'mod ġenerali u bi kliem ċar kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess fl-oqsma li huwa jkopri [14].

29. Barra dan, waħda mill-entitajiet li kontriha jistgħu jiġu infurzati dispożizzjonijiet ta' direttiva li jista' jkollhom effett dirett tkun korp li, tkun xi tkun il-forma legali tiegħu, ikun sar responsabbli, skont miżura adottata minn awtorità pubblika, biex jipprovdi, suġġett għall-kontroll minn dik l-awtorità pubblika, servizz fl-interess pubbliku u li, għal dawk il-finijiet, ikollu setgħat speċjali kif imqabbel mar-regoli applikabbli għal relazzjonijiet bejn individwi [15].

30. Huwa għall-qorti tar-rinviju li tivverifika jekk l-UNM tissodisfax dawk il-kundizzjonijiet [16]. L-informazzjoni disponibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja tidher li tindika li dak hu x'aktarx il-każ, minħabba li l-UNM hija responsabbli għall-għoti jew għar-rifjut ta' allowances tal-maternità fil-Belġju. Jekk dan huwa korrett, C. Rosselle tista' tistrieħ fuq l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva dwar il-Maternità u fuq l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament hija u titlob l-allowance tagħha fil-kawża prinċipali.

L-Artikolu 11(4) tad-Direttiva dwar il-Maternità jipprekludi regola bħal dik applikata għal C. Rosselle fil-kawża prinċipali?

31. L-Artikolu 11(4) tad-Direttiva dwar il-Maternità jagħmilha ċara li l-Istati Membri huma ħielsa jissuġġettaw id-dritt għall-ħlas jew għall-allowance tal-maternità għall-kundizzjoni li l-ħaddiema kkonċernata tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà. Kundizzjonijiet bħal dawn jistgħu, iżda, ma jipprovdux għal "perijodi ta' impjieg preċedenti iktar minn 12-il xahar immedjatament qabel id-data preżunta tal-ħlas".

32. Il-qorti tar-rinviju titlob gwida essenzjalment dwar kif il-kliem "perijodi ta' impjieg preċedenti" għandu jiġi interpretat. Għal risposta għal dik id-domanda jeħtieġ jitqiesu l-kliem, il-loġika wiesgħa u l-għanijiet tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva dwar il-Maternità.

12 — Ara, l-iktar reċenti, is-sentenza Napoli (C-595/12, EU:C:2014:128, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

13 — Ara, b'analoġija (dwar l-ewwel tliet paragrafi tal-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar il-Maternità), is-sentenza Gassmayr (C-194/08, EU:C:2010:386, punti 44 sa 46).

14 — Ara, b'analoġija, is-sentenza Napoli (EU:C:2014:128, punt 48).

15 — Ara s-sentenza Foster *et* (C-188/89, EU:C:1990:313, punt 22). Il-fraži Ingliża "special powers" ("setgħat speċjali") forsi ma twassalx b'mod adegwat it-tifsira ta' "pouvoirs exorbitants" fid-dritt amministrattiv Franċiż li huwa l-bażi bil-lingwa Franċiża li fuqha kienet abbozzata (naturalment) is-sentenza. Mill-inqas f'kawża waħda sussegwenti, il-Qorti tal-Ġustizzja minflok użat il-fraži "exceptional powers" ("setgħat eċċezzjonali") (sentenza Kuso, C-614/11, EU:C:2013:544, punt 32). Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Ġenerali GDF Suez vs Il-Kummissjoni (T-370/09, EU:T:2012:333, punt 314).

16 — Bl-istess mod, huwa għall-qorti tar-rinviju li tivverifika jekk l-Institut national d'assurance maladie-invalidité (INAMI) (Istitut Nazzjonali għal Assigurazzjoni għall-Mard u għall-Invalidità), li huwa wkoll konvenut fil-kawża prinċipali, huwiex fost l-entitajiet li kontrihom jistgħu jkunu infurzati dispożizzjonijiet ta' direttiva li jista' jkollhom effett dirett.

33. L-Artikolu 11(4) ma fih ebda indikazzjoni li bidla fl-impjieg jew status ta' impjieg jistgħu jikkostitwixxu raġuni valida biex ħaddiem ikun jeħtieġlu jilħaq perijodu minimu ġdid ta' kontribuzzjoni. Għall-kuntrarju, ir-riferiment għal "perijodi ta' impjieg" fil-plural fil-verżjonijiet tal-lingwi kważi kollha li fihom l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva dwar il-Maternità kien adottat fl-1992 jidher li jindika li bidliet bħal dawn ma għandhomx rilevanza għal-limitu stabbilit f'dik id-dispożizzjoni [17].

34. Ir-riferiment għal "impjieg" preċedenti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) għandu rabta mill-qrib mal-kategoriji ta' ħaddiema li d-Direttiva dwar il-Maternità tfittex li tipproteġi [18]. Il-kunċett ta' "ħaddiem" f'dik id-direttiva ma jistax jingħata interpretazzjoni differenti f'kull sistema legali nazzjonali iżda għandu tifsira Komunitarja [19]. Dan il-kunċett għandu jiġi ddefinit skont kriterji oġġettivi li jikkaratterizzaw ir-relazzjoni ta' xogħol fid-dawl tad-drittijiet u tad-dmirijiet tal-persuni kkonċernati. Il-karatteristika essenzjali ta' relazzjoni ta' xogħol hija li, għal perijodu partikolari ta' żmien, persuna twettaq servizzi favur persuna oħra u taħt id-direzzjoni tagħha, li għala korrispettiv għalihom hija tirċievi remunerazzjoni [20].

35. Jekk l-aħħar imsemmija kundizzjonijiet jitħarsu, in-natura tar-relazzjoni legali bejn impjegat u min jimpjega, kemm jekk tkun tinvolvi status tad-dritt pubbliku jew kuntratt tad-dritt privat, ma jista' jkollha ebda konsegwenza fuq jekk persuna għandhiex titqies jew le bħala ħaddiem [21].

36. Fl-1 ta' Settembru 2009 (id-data li fiha hija kisbet status mhux attiv għal raġunijiet personali), C. Rosselle kienet għalliema għal diversi snin, l-ewwel fuq bażi kuntrattwali (minn Settembru 2003) u wara bħala uffiċjal pubbliku permanenti (minn Settembru 2008). Imbagħad bdiet taħdem bħala ħaddiema impjegata għall-Komunità Franċiża sal-11 ta' Jannar 2010, meta beda l-leave tal-maternità tagħha. F'dan l-isfond, fil-fehma tiegħi ma hemmx dubju li, meta welldet, C. Rosselle kienet f'impjieg għal iktar minn 12-il xahar skont it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva dwar il-Maternità u li, għalhekk, l-aħħar imsemmija dispożizzjoni tipprekludi regola bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

37. Dik l-interpretazzjoni hija konsistenti mal-oġġett u mal-għan tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4).

38. Skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar il-Maternità, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ħaddiema jkunu intitolati għal perijodu kontinwu ta' leave tal-maternità ta' mill-inqas 14-il ġimgħa allokati qabel u/jew wara l-ħlas skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u/jew il-prattika nazzjonali. Il-leave tal-maternità huwa intiż, l-ewwel, biex jipproteġi l-kundizzjoni bijoloġika tal-mara matul u wara t-tqala u, it-tieni, biex jipproteġi r-relazzjoni speċjali bejn il-mara u t-tarbija tagħha matul il-perijodu wara t-tqala u l-ħlas, billi ma jħallix li dik ir-relazzjoni tiġi ddisturbata mill-bosta piżijiet li jirriżultaw jekk hija fl-istess waqt tkompli fl-impjieg tagħha [22].

17 — Ara l-verżjoni Ingliża, Franċiża, Taljana, Griega, Portugiża u Spanjola. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra (id-Daniża, l-Olandiża u l-Ġermaniża) ma jdgħajfux dik il-konklużjoni minħabba li jużaw forma pożittiva u, għalhekk, jevitaw milli jużaw nom fil-plural jew fis-singular.

18 — Dawk li jaħdmu għal rashom (distinti mill-ħaddiema impjegati) għandhom protezzjoni skont id-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Lulju 2010, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li thassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE (ĠU L 180, p. 1).

19 — Sentenza Kiiski (C-116/06, EU:C:2007:536, punti 24 u 25).

20 — Sentenzain Kiiski (EU:C:2007:536, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 — Ara, b'rabta mal-moviment liberu tal-ħaddiema, is-sentenzi Lawrie-Blum (66/85, EU:C:1986:284, punt 20), u Bettray (344/87, EU:C:1989:226, punt 16). Dik il-konklużjoni hija kkonfermata mill-inqas impliċitament, mid-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE, tat-12 ta' Ġunju 1989, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 349), li kienet tifforma l-bażi għall-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-Maternità (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2 iktar 'il fuq). L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/391 jipprovdi li din id-direttiva tapplika "għas-setturi ta' attività kollha, *kemm pubbliċi u kemm privati* (industrijali, agrikoli, kummerċjali, amministrattivi, ta' servizz, edukattivi, kulturali, ta' serħan, etċ.)" (enfasi miżjuda minni).

22 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Hofmann (184/83, EU:C:1984:273, punt 25), Boyle *et* (C-411/96, EU:C:1998:506, punt 41), u CD (C-167/12, EU:C:2014:169, punt 34).

39. Iżda d-dritt għal-leave tal-maternità ma jservi l-ebda skop kemm-il darba ma jkunx akkumpanjat minn pagament jew, għall-inqas, mill-jedd għal allowance adegwata [23]. Konsegwentement, għalkemm l-Artikolu 11(2) u (3) tad-Direttiva dwar il-Maternità ma jimplikax obbligu li jibqa' jkun hemm remunerazzjoni sħiħa matul il-leave tal-maternità, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea fittxet li tiżgura li ħaddiema tirċievi, matul il-leave tal-maternità tagħha, dħul mill-inqas ekwivalenti għall-allowance tal-mard mogħtija mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tas-sigurtà soċjali fil-każ ta' interruzzjoni fl-attivitajiet tagħha għal raġunijiet ta' saħħa [24]. L-osservanza ta' dik il-protezzjoni minima hija suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju [25].

40. Regola bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali evidentement tmur kontra dawk l-għanijiet. Tagħmilha diffiċli għall-ħaddiema li għaliha tkun tapplika biex tieħu leave tal-maternità (għall-inqas iktar mill-perijodu ta' leave obbligatorju) jekk hija tkun trid iżżomm dħul suffiċjenti. Il-mara li tkompli taħdem f'dawk iċ-ċirkustanzi mhux biss aktarx tintlaqat ħażin fil-kundizzjoni bijoloġika tagħha matul u wara t-tqala, iżda wkoll issib tfixkil fir-relazzjoni speċjali mat-tarbija tagħha matul il-perijodu li jiġi wara t-twelid. Dawk li x'aktarx li l-iktar jintlaqtu ħażin huma l-kategoriji l-iktar vulnerabbli ta' ħaddiema nisa (pereżempju ħaddiema b'paga baxxa li jgħixu waħidhom jew b'ulied dipendenti minnhom), li x'aktarx ma jkunux jistgħu jlaħħqu biex jgħixu mingħajr allowance tal-maternità matul il-leave tagħhom tal-maternità.

41. Għal dawn ir-raġunijiet, ma naċċettax l-argument tal-Gvern Belġjan li C. Rosselle ma kkontribwietx *speċifikament* għall-iskema tas-sigurtà soċjali għal *ħaddiema impjegati* għal mill-inqas sitt xhur [26]. Dak l-argument jippresupponi li ssir distinzjoni bejn diversi status ta' impjiegi. Kif turi l-kawża prinċipali, jekk dak l-argument ikun aċċettat il-limitu impost fuq l-Istati Membri mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva dwar il-Maternità jsir inoperattiv.

42. Għandi nżid li r-riżultat kien ikun differenti kieku C. Rosselle kisbet status mhux attiv għal raġunijiet personali fl-1 ta' Settembru 2009 *mingħajr* ma kienet tkun bdiet impjieg ġdid. Kif innutajt, id-Direttiva dwar il-Maternità hija maħsuba biex tipproteġi nisa li jkunu f'relazzjoni ta' xogħol. Konsegwentement, il-protezzjoni minima mogħtija mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tippresupponi li l-mara li tkun qed tfittex tikseb l-allowance tal-maternità tkun "ħaddiema" fiż-żmien meta titlob benefiċċju bħal dak [27]. Dik id-dispożizzjoni ċertament hija biss dwar protezzjoni minima. Xejn ma jżomm lil Stat Membru milli jipprovdi li jekk impjieg jieqaf (possibbilment għal xi perijodu massimu ta' żmien) dan ma jolqotx il-jedd għal allowance tal-maternità [28].

23 — Is-sbatax-il premessa tad-Direttiva dwar il-Maternità. Ara wkoll is-sentenza Boyle *et* (EU:C:1998:506, punt 30). Anki qabel id-data li fiha l-Istati Membri kellhom jimplementaw id-Direttiva dwar il-Maternità, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li, fid-dawl tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn irġiel u nisa, "l-ammont [tal-allowance tal-maternità] ma setax ikun […] tant baxx li jdgħajjef l-għan tal-leave tal-maternità, jiġifieri l-protezzjoni tan-nisa qabel u wara li jwelldu" (sentenza Gillespie *et*, C-342/93, EU:C:1996:46, punt 20).

24 — Sentenzi Boyle *et* (EU:C:1998:506, punt 36) u Terveys- ja sosiaalialan neuvottelujärjestö TSN (C-512/11 u C-513/11, EU:C:2014:73, punt 36).

25 — Sentenza Gassmayr (EU:C:2010:386, punt 51).

26 — L-informazzjoni disponibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja tindika li C. Rosselle kkontribwiet għall-iskema tas-sigurtà soċjali fis-settur pubbliku sal-1 ta' Settembru 2009.

27 — Dan huwa kkonfermat mill-kliem tal-introduzzjoni tal-Artikolu 11 ("[s]abiex jiġi ggarantit għall-*ħaddiema* […]"), kif ukoll mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(4) ta' dik id-dispożizzjoni ("[…] jistgħu jissoġġettaw id-dritt għall-ħlas jew għall-allowance […] għall-kundizzjoni li *l-ħaddiema kkonċernata* tissoddisfa l-kondizzjonijiet ta' eliġibilità għal dawn il-benefiċċji") (enfasi miżjuda minni). Iżda jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn mara għandha titqies li hija "ħaddiema tqila" skont it-tifsira tad-Direttiva dwar il-Maternità għalkemm hija ma tkunx fil-fatt qed twettaq servizzi għal min iħaddimha u taħt id-direzzjoni tiegħu. F'Kiiski, pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ħaddiema ma titlifx dak l-istatus minħabba li tkun qed tgawdi mil-leave għall-edukazzjoni tat-tfal (EU:C:2007:536, punti 27 sa 33).

28 — Ara, b'analoġija, is-sentenzi Jiménez Melgar (C-438/99, EU:C:2001:509, punt 37), u Terveys- ja sosiaalialan neuvottelujärjestö TSN (EU:C:2014:73, punt 37).

Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament tipprekludi regola bħal dik applikata għal C. Rosselle fil-kawża prinċipali?

43. Bħala regola, "diskriminazzjoni diretta" skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament tippresupponi li l-persuna kkonċernata turi li hija tiġi ttrattata inqas favorevoli minħabba s-sess minn kif tiġi ttrattata, ġiet ittrattata jew kieku tiġi ttrattata persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli u li trattament bħal dan ikollu rabta ma' impjieg u xogħol. L-Artikolu 2(2)(ċ) ta' dik id-direttiva jagħmilha ċara li kwalunkwe trattament inqas favorevoli ta' mara li jkollu x'jaqsam ma' tqala jew leave tal-maternità fis-sens tad-Direttiva dwar il-Maternità jikkostitwixxi diskriminazzjoni minħabba s-sess [29].

44. Kif għidt, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva dwar il-Maternità jipprekludi regola bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali [30]. Strettament, għalhekk, ma huwiex meħtieġ li jiġi aċċertat jekk dik ir-regola timplikax trattament inqas favorevoli relatat ma' tqala jew leave tal-maternità f'wieħed mill-oqsma koperti mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament. Għas-saħħa tal-kompletezza, jiena ser neżamina, madankollu, din il-kwistjoni.

45. L-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament ma jidhirx li huwa rilevanti fil-kuntest ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari. Dik id-dispożizzjoni hija dwar l-ugwaljanza fit-trattament fi skemi okkupazzjonali ta' sigurtà soċjali u tipprojbixxi, b'mod partikolari, id-diskriminazzjoni minħabba s-sess fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' tali skemi u l-kundizzjonijiet tal-aċċess għalihom, l-obbligu tal-kontribuzzjoni u l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet u l-kalkolu tal-benefiċċji, inklużi l-benefiċċji supplimentari dovuti minħabba l-konjuġi jew in-nies dipendenti, u l-kundizzjonijiet li jirregolaw it-tul u ż-żamma tad-dritt għall-benefiċċji. Filwaqt li huwa minnu li l-kawża prinċipali tikkonċerna d-dritt għal allowance tal-maternità, li hija dritt tas-sigurtà soċjali, dak il-benefiċċju min-natura tiegħu stess jikkonċerna biss lin-nisa.

46. Il-Kummissjoni tissottometti, iżda, li r-regola inkwistjoni fil-kawża prinċipali tiskoraġġixxi lil uffiċjali pubbliċi stabbiliti nisa milli jieħdu leave għal raġunijiet personali sabiex jibdew jaħdmu bħala ħaddiema impjegati matul is-sitt xhur qabel il-bidu tal-leave tagħhom tal-maternità. Għalhekk ir-regola timplika diskriminazzjoni minħabba s-sess fir-rigward ta' aċċess għal impjieg, ipprojbita mill-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament.

47. Sabiex dak l-argument ikun indirizzat, jeħtieġ ikun aċċertat jekk u sa fejn ħaddiema bħal C. Rosselle tkun f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik ta' ħaddiem raġel.

48. Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li n-nisa li jieħdu l-leave tal-maternità "jinsabu f'sitwazzjoni [speċjali] li teżiġi li jingħataw protezzjoni speċjali, iżda li ma tistax tiġi mqabbla ma' dik ta' raġel jew ta' mara li jokkupaw effettivament il-post tax-xogħol tagħhom" [31]. Bl-istess mod, is-sitwazzjoni ta' mara li tkun bil-leave tal-maternità ma hijiex komparabbli ma' dik ta' ħaddiem bil-leave tal-mard [32]. Għal dik ir-raġuni, hija ma tkunx neċessarjament intitolata tirċievi paga sħiħa matul il-leave tal-maternità tagħha, sakemm l-ammont pagabbli ma jkunx daqshekk baxx li jdgħajjef l-għan tal-leave tal-maternità, jiġifieri li jipproteġi n-nisa qabel u mara t-twelid [33].

29 — Id-disa' premessa tad-Direttiva dwar il-Maternità u l-premessa 23 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament jitfgħu dawl dwar ir-rabta mill-qrib li hemm bejn dawn iż-żewġ strumenti. Filwaqt li tal-ewwel tgħid, *inter alia*, li miżuri li jħarsu s-sigurtà u s-saħħa ta' ħaddiema tqal ma għandhomx jittrattaw in-nisa fis-suq tax-xogħol b'mod sfavorevoli, tal-aħħar tagħmilha ċara li kull trattament sfavorevoli bħal dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta minħabba s-sess.

30 — Ara, b'mod partikolari, il-punt 36 iktar 'il fuq.

31 — Ara s-sentenzi Gillespie *et* (EU:C:1996:46, punt 17), Abdoulaye *et* (C-218/98, EU:C:1999:424, punt 20), Alabaster (C-147/02, EU:C:2004:192, punt 46), u Parviainen (C-471/08, EU:C:2010:391, punt 40).

32 — Sentenzi Boyle *et* (EU:C:1998:506, punt 40), u Saint Prix (C-507/12, EU:C:2014:2007, punt 29). Fis-sentenza McKenna (C-191/03, EU:C:2005:513, punt 56), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet illi l-kundizzjoni tat-tqala mhux komparabbli ma kundizzjoni patoloġika u li t-taqlib u l-kumplikazzjonijiet marbuta mat-tqala u li joħolqu inkapaċità għax-xogħol jifformaw parti minn riskji inerenti fil-kundizzjoni tat-tqala u għalhekk huma fattur speċifiku ta' dik il-kundizzjoni.

33 — Sentenza Gillespie *et* (EU:C:1996:46, punt 20).

49. Barra dan, għalkemm l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva dwar il-Maternità jipprovdi li l-allowance tal-maternità għandha tkun mill-inqas ekwivalenti għal dik li ħaddiema kkonċernata tirċievi meta ma tmurx għax-xogħol minħabba l-istat ta' saħħitha, it-tmintax-il premessa ta' din id-direttiva tagħmilha ċara li dan huwa punt tekniku ta' referenza li ma għandux jiġi interpretat li t-tqala u l-mard huma analogi. Għalhekk is-sitwazzjoni ta' ħaddiema bħal C. Rosselle matul it-tqala tagħha u l-leave tal-maternità tagħha ma hijiex komparabbli ma' dik ta' raġel li temporanjament ma jmurx għax-xogħol minħabba l-istat ta' saħħtu. Għall-kuntrarju tal-Gvern Belġjan, jiena, għalhekk, inqisha bħala immaterjali, meta nqis il-possibbiltà ta' diskriminazzjoni diretta, li fil-Belġju aċċess għal allowance tal-maternità u aċċess għal allowance tal-mard (inkluż minn ħaddiem raġel) huma t-tnejn kontinġenti fuq l-istess perijodu minimu ta' kontribuzzjoni, applikat bl-istess mod.

50. Madankollu, kif il-Kummissjoni tajjeb tissottometti, is-"sitwazzjoni speċjali" ta' ħaddiema li tieħu l-leave tal-maternità ma tippreġudikax il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni kontra ħaddiem mara *sempliċement bħala ħaddiem*. It-trattament sfavorevoli ta' ħaddiem b'rabta ma' tqala jista' jolqot biss lin-nisa: għalhekk jikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta minħabba s-sess [34].

51. Għalhekk, pereżempju, f'Gillespie *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni "jeżiġi li mara li jkun għad għandha rabta ma' minn iħaddimha b'kuntratt ta' xogħol jew b'relazzjoni ta' xogħol matul il-leave tal-maternità għandha, bħal kull ħaddiem ieħor, tibbenefika minn kull żieda fil-paga, anki jekk b'lura, li tingħata bejn il-bidu tal-perijodu kopert bil-paga ta' riferiment [jiġifieri l-paga li sservi bħala riferiment biex tiġi kkalkulata l-allowance tal-maternità] u t-tmiem tal-leave tal-maternità". Ir-rifjut ta' żieda bħal din lil mara li tkun bil-leave tal-maternità "tiddiskrimina kontriha purament fil-kapaċità tagħha bħala ħaddiema minħabba li, kieku ma kinitx tqila, kienet tkun irċeviet iż-żieda fil-paga" [35].

52. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'Thibault [36] li d-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE [37] kienet maħsuba biex iġġib ugwaljanza sostantiva milli informali. Konsegwentement "mara li tingħata trattament mhux favorevoli fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha, fis-sens li tiġi mċaħħda mid-dritt għal evalwazzjoni annwali tal-prestazzjoni tagħha u, għalhekk, mill-opportunità li tikkwalifika għal promozzjoni b'riżultat ta' assenza minħabba leave tal-maternità, tiġi ddiskriminata minħabba t-tqala tagħha u l-leave tal-maternità tagħha" u "mġiba bħal din tikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata direttament fuq is-sess […]" [38]. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrepetiet f'diversi okkażjonijiet li limitazzjoni imposta fuq opportunitajiet ta' mara biex tingħata promozzjoni minħabba t-tqala tagħha tikkostitwixxi diskriminazzjoni minħabba s-sess [39].

34 — Ara, pereżempju, b'rabta ma' tkeċċija minħabba tqala, jew għal raġuni essenzjalment imsejsa fuq dak l-istat, is-sentenzi Handels- og Kontorfunktionærernes Forbund (C-179/88, EU:C:1990:384, punt 13), Brown (C-394/96, EU:C:1998:331, punti 16, 24 u 25), u Mayr (C-506/06, EU:C:2008:119, punti 46 u 50). B'rabta ma' rifjut ta' ħatra ta' mara tqila, ara s-sentenza Dekker (C-177/88, EU:C:1990:383, punt 12). B'rabta ma' kundizzjonijiet biex jinbidel kemm iddum l-edukazzjoni tat-tfal fil-kuntest ta' tqala ġdida, ara s-sentenza Kiiski (EU:C:2007:536, punt 55).

35 — EU:C:1996:46, punt 22. Ara wkoll is-sentenza Alabaster (EU:C:2004:192, punti 47 u 48). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet bl-istess mod f'Lewen li l-esklużjoni ta' perijodi għall-protezzjoni ta' ommijiet mill-perijodi ta' xogħol bl-iskop li jingħata bonus retroattivament bħala ħlas għal xogħol magħmul tiddiskrimina kontra ħaddiem mara sempliċement bħala ħaddiem: kieku ma kinitx tqila dawk il-perijodi kellhom jingħaddu bħala perijodi ta' xogħol (C-333/97, EU:C:1999:512, punt 42).

36 — C-136/95, EU:C:1998:178, punt 32.

37 — Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE, tad-9 ta' Frar 1976, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol (ĠU, Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 187). Dik id-direttiva kienet irrevokata u ssostitwita bid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament.

38 — Sentenza Thibault (EU:C:1998:178, punt 32).

39 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi Sass (C-284/02, EU:C:2004:722, punti 30, 31 u 58), u Napoli (EU:C:2014:128, punti 31 sa 33).

53. Kif naraha jiena, wieħed jista' jiddeduċi mill-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament li dan ir-raġunament japplika għall-iżvilupp tal-karriera inġenerali. Skont dik id-dispożizzjoni ma jistax ikun hemm diskriminazzjoni bejn irġiel u nisa b'rabta mal-"kundizzjonijiet [tagħhom] għal *aċċess għal impjiegi*, għal min jaħdem għal rasu jew għall-impjieg […] tkun li tkun il-fergħa ta' attività u fil-livelli kollha tal-ġerarkija professjonali, inkluż promozzjoni"[40]. Għaldaqstant in-nisa għandhom ikunu jistgħu jħaddnu opportunitajiet għal karrieri ġodda f'termini ugwali mal-irġiel.

54. Regola bħal dik applikata fil-kawża prinċipali aktarx tiskoraġġixxi uffiċjali pubbliċi stabbiliti nisa milli jieħdu status mhux attiv għal raġunijiet personali sabiex jibdew jaħdmu bħala ħaddiema impjegati matul is-sitt xhur qabel il-bidu tal-leave tal-maternità tagħhom. Skont dik ir-regola, l-aċċettazzjoni ta' xogħol ġdid bħala ħaddiema impjegata ttemm il-perijodu tal-impjieg preċedenti, treġġa' l-arloġġ lura għal żero u tifforma l-punt ta' tluq ta' perijodu minimu ġdid ta' kontribuzzjoni. Il-konsegwenza tista' tkun — bħal hawnhekk — li l-ħaddiema titlef il-jedd tagħha għal allowance tal-maternità matul il-leave tal-maternità tagħha.

55. Jista' jkun hemm mhux biss effetti detrimentali immedjati għal ħaddiema kkonċernata, bħal li tkun obbligata tibqa' tagħmel xogħol li ma jkunx jirrifletti kompletament il-kwalifiki tagħha jew li tkun imċaħħda mis-salarju iktar attraenti u mill-bilanċ aħjar bejn il-ħajja u x-xogħol li hija tkun tista' tgawdi f'xogħol ġdid[41]. Il-karriera tagħha tista' wkoll tintlaqat ħażin fit-tul. Jista' jkun (pereżempju) li t-tagħlim fi klassijiet ta' immersjoni fil-lingwi fil-Komunità Franċiża jżid l-opportunitajiet ta' dak li jkun għal promozzjoni sussegwenti mill-Komunità Fjamminga; jew li esperjenza bħal din tingħatalha valur kbir minn min iħaddem privatament li jkollu x'jaqsam f'taħriġ vokazzjonali jew fit-tagħlim ta' lingwi barranin.

56. Għal dawn ir-raġunijiet jiena naqbel mal-Kummissjoni li r-regola inkwistjoni fil-kawża prinċipali timplika trattament inqas favorevoli ta' ħaddiema nisa b'rabta ma' aċċess għal impjieg u, għalhekk, tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta minħabba s-sess skont it-tifsira tal-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament.

Konklużjoni

57. Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi kif ġej b'risposta għad-domanda magħmula mit-Tribunal du travail de Nivelles:

Kemm it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 92/85/KEE (id-Direttiva dwar il-Maternità) u l-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2006/54/KE (id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fit-Trattament) jipprekludu Stat Membru milli jirrifjuta jagħti ħaddiema allowance tal-maternità abbażi li, filwaqt li tkun kisbet status mhux attiv għal raġunijiet personali bħala uffiċjal pubbliku sabiex tibda taħdem bħala ħaddiema impjegata, l-istatus tagħha ta' impjieg ikun inbidel u hija ma tkunx laħqet il-perijodu minimu ta' kontribuzzjoni meħtieġ skont id-dritt nazzjonali minn meta tkun bdiet l-impjieg il-ġdid tagħha, jekk dik il-ħaddiema tkun diġà f'impjieg għal iktar minn 12-il xahar immedjatament qabel id-data preżunta tal-ħlas.

40 — Artikolu 14(1)(a) (enfasi miżjuda minni).

41 — Hawn ukoll, il-kategoriji l-iktar vulnerabbli ta' ħaddiema nisa probabbilment huma l-iktar esposti għal konsegwenzi ta' ħsara bħal dawn. Ara l-punt 40 iktar 'il fuq.